ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 46/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 9 ta' Frar 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 45/10 u tal-Laqgħat Urġenti tal-15 ta' Jannar u l-1 ta' Frar 2010 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Dwar il-minuti tas-seduta b' nru. 45/10 u tal-Laqgħa Urġenti tal-15 ta' Jannar 2010 ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Dwar il-minuti tal-Laqgħa Urġenti ta' l-1 ta' Frar 2010 kien hemm qbil li titneħħa s-sentenza, 'Il-Kunsillier Camilleri rtira mill-Kamra tal-laqgħat'. Ittieħdet nota ta' dan.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Dwar il-wirja tal-gallariji, is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li s-Segretarju tal-Banda nfurmaha li l-każin għadu *under construction*. Ġie deċiż li nitkellmu mal-Arċipriet dwar il-possibbilita' li l-wirja tittella' fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Memo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Il-Kunsill qabel li japplika għal għajnuna finanzjarja biex jirrestawra x-xeltrijiet li jinsabu fid-daħla tar-raħal (fil-bidu ta' Triq il-Knisja).

Memo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali f' lokalitajiet żgħar. Il-Kunsill qabel li japplika biex jiksi b' turf sintetiku parti mill-grawnd ta' l-iskola primarja.

Memo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-istrateġija nazzjonali dwar l-immaniġġjar tal-iskart. Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-Kumpanija WasteServ ser tagħmel servej dwar l-iskart ta' l-istabbilimenti u l-possibbilita' li dan l-iskart jibda jinġabar mill-Kunsilli Lokali. Dwar il-ġbir ta' skart separat, is-Sindku qal il-Kumitat Reġjonali għadu għaddej jistudja l-proposti li għandu. Qal ma jaqblilniex nidħlu fi ftehim waħedna bħala Kunsill u qal aktar jaqbel li jsir ftehim wieħed għar-Reġjun ta' Għawdex.

Ittra mibgħuta mill-Korporazzjoni għax-Xogħlijiet u t-Taħriġ dwar l-iskema xogħol fil-komunita'. Il-Kunsill qabel li jżomm iż-żewġ persuni li għandu u jitlob għal żewġ persuni oħra biex jaqtgħu l-ħaxix u jnaddfu t-toroq mhux urbana.

Komunikat ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fi programm imtella' mill-Assoċjazzjoni fuq TVM.

Komunikat ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar attivitajiet li l-Għaqda VersAgħtini IKM tista' ttella' fil-lokalita'.

Ittra mibgħuta mill-Fondazzjoni Oasi dwar il-festival Riflessi Sajfin 2010 fil-Menqa ta' Marsalforn. Il-Kunsill qabel li jagħti permess għal din l-attivita', bl-istess kundizzjonijiet tas-sena l-oħra.

Ittra mibgħuta mill-Inġ. Bajada tal-Ministeru għal Għawdex dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni (iż-żebgħa) f' Marsalforn qabel is-sajf. Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa għall-kwotazzjonijiet għal provista ta' żebgħa.

Il-Kunsillier Refalo qal fuq il-*promenade* ta' Marsalforn hemm mal-mitt pied mingħajr *railings* u dan qiegħed ta' periklu kbir. Is-Sindku qal jittama li f' dawn il-

ħmistax li kienu ġejja, il-kwistjoni li hemm fuq ir-*railings* li għamel il-Kunsill tkun solvuta.

Dwar ix-xogħlijiet fi Triq il-Wied, is-Sindku għarraf lill-Kamra li kellu jsir xi tibdil fir-rigward tas-*sub base* tat-triq u minflok kienet ser issir sodda tal-konkos ta' għaxar pulzieri. Qal li mhux suppost se jkun hemm aktar spejjeż minn dawk li diġa ġew approvati mill-Kunsill għal xogħlijiet *extra*.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

| | |
|---|---|
| Żebgħa, *thinner* u siment – għall-manutenzjoni tar-*railings* ta' Triq il-Wied (Joseph Caruana Co Ltd) | €101.31 |
| Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Jannar 2010 (Salvina Bajada) | €39.61 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Jannar 2010 (Louis Attard) | €3,899.32 |
| Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Jannar 2010 (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Sapport għal tmien siġriet fil-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) | €48.00 |
| Rimi ta' żewġ siġriet miksura (John Zammit) | €50.00 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Jannar 2010 (John Zammit) | €417.32 |
| It-*testing* li sar fuq Triq il-Wied (Eurotest Malta Ltd) | €171.93 |
| Armar u żarmar tad-dekorazzjonijiet tal-Milied 2009 (Għaqda Armar Santa Marija) | €964.00 |
| Tifkiriet – spettaklu ta' vuċijiet lokali, Festa ta' San Pawl (Sportsmania) | €299.72 |
| 2 gradi għal Triq il-Port u xogħol fuq il-presepju ta' Pjazza l-Assunta (Paul Caruana) | €385.00 |
| Tabella (Raphael Refalo) | €48.00 |
| Provvista ta' ġebel – ilqugħ fi Triq Wied l-Infern (Randu Zammit) | €521.78 |
| Reġistrazzjoni u akkomodazzjoni – il-parteċipazzjoni tas-Sindku laqgħa għas-Sindki 26-27/02/2010 (Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali) | €240.00 |

## 6. IR-RAPPORT FINANZJARJU TAT-TLETT XHUR OTT – DIĊ 2009

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur li jkopri x-xhur Ottubru – Diċembru 2009.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport finanzjarju.

Il-Kunsill Lokali approva b' vot unanimu r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur Ott – Diċ 2009.

## 7. IL-'FINANCIAL STATEMENTS' GĦAS-SENA 2009

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra l-financial statements għas-sena 2009, minn April sa Diċembru 2009.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat il-financial statements.

Il-Kunsill Lokali approva b' vot unanimu l-financial statements għas-sena 2009 kif ippreżentati.

## 8. BUDGET 2010

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra abbozz tal-budget għas-sena 2010.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat l-abbozz tal-budget.

Wara li saru xi mistoqsijiet u rimarki ta' kjarifika, il-Kunsill approva b' vot unanimu l-budget għas-sena 2010 hekk kif ippreżentat.

## 9. INGAĠĠ TA' SKRIVAN/A P-T

Kien maqbul li jinħatar Bord tal-Għażla. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li c-chairman tal-Bord ikun is-Sur Emmanuel Galea. Naraw jekk is-Sur Galea jaċċettax li joqgħod fuq il-Bord u f' każ li jaċċetta, nitolbuh jiġi għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 10. ATTIVITA' TAL-KARNIVAL

Il-Kunsill fassal il-programm tal-attivita' tal-karnival. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni ta' dawn il-gruppi / kumpaniji taż-żfin (il-ħlas lill-kumpaniji jkun ta' mhux aktar minn €100):

- Annette Portelli Said
- Gozo Friends Line Dancers
- Marlene Muscat – Nadur
- Doris Bugeja (il-ħlas ikun ta' €240)
- Josephine Farrugia u Mariella Sciortino
- Christian Saliba

- Sinnet Folk Group
- Soċ. Filar. Leone
- ikantaw Joseph Refalo u TerryAnne Saliba (il-ħlas ikun ta' €46) u l-band ta' Cini Brothers.

Il-Kunsill qabel li jippreżenta s-serata Joe Cini u fir-rigward tal-ġurija tal-kompetizzjonijiet, inkellmu lil Anthony Zammit (mir-Rabat).

## 11. ĠNIEN IT-TLETT GĦOLJIET (IL-PARTI TAL-KUNSILL)

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-Ministeru għal Għawdex kien ser jiffinanzja l-proġett Ġnien it-Tlett Għoljiet. Qal li billi l-pjanti tal-proġett huma tal-Kunsill, il-Ministeru għal Għawdex qiegħed jitlob lill-Kunsill biex jipprovdi s-servizzi ta' perit u s-superviżjoni tal-proġett. Il-Kunsill approva li jipprovdi s-servizzi ta' perit u għas-superviżjoni tal-proġett.

## 12. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill Lokali approva dawn ix-xogħlijiet:

- it-traqqiegħ ta' Triq Għajn Mhelhel (fejn m' hemmx bini, idur il-ħofor il-kbar).
- it-traqqiegħ ta' Triq Ħabel it-Twil.
- it-traqqiegħ bil-*hot asphalt* ta' Triq il-Knisja.
- iż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ.
- it-traqqiegħ bil-konkos ta' Triq tal-Kanun.
- bini ta' ħitan fi Triq taċ-Ċaqra.
- it-tħawwil ta' erba' siġriet tal-bruk fil-*promenade* tal-Qbajjar u erbgħa oħra fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.

Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-berġa għandu jinbeda t-Tnejn 15 ta' Frar. Kien hemm qbil li sakemm jitlesta x-xogħol, is-servizz tat-tabib jingħata miċ-Ċentru Parrokkjali.

Is-Sindku ppropona li fi Triq Santa Marija jsir *water culvert* biex l-ilma tax-xita jintafa' l-baħar. Ġie deċiż li l-Perit jintalab jagħmel stima tax-xogħol.

Dwar it-talba biex ikun provdut servizz ta' trasport għat-tfal ta' l-iskola minn Marsalforn għaż-Żebbuġ u lura, il-Kunsill iddeċieda li jħalli l-Kumitat Amministrattiv jiddeċiedi dwar din it-talba.

Dwar il-props ta' Għeruqna, is-Sindku għarraf lill-Kamra li Mario Vella ġie bżonn il-post fejn kienu tpoġġew dawn l-oġġetti. Ġie deċiż li dawn l-oġġetti jitpoġġew fil-*basement* tal-Kunsill.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-Kumitat Konġunt tal-LES estenda ċ-*chairmanship* tiegħu sal-aħħar ta' Marzu 2010 u l-fondi *surplus* għandhom jinqasmu bejn il-Kunsilli membri fil-Kumitat.

Ġie deċiż li l-laqgħa annwali tal-lokalita' tinżamm l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2010 fis-6.30 ta' filgħaxija fil-bini tal-Kunsill.

## 13. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fit-7.45 ta' filgħaxija għal nhar it-Tlieta, 2 ta' Marzu 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja E\ekuttiva***

**Dok. A**

**Seduta Nru. 46/10**

## Ċedola tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| Ġbir ta’ *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta’ Marsalforn – Novembru – Diċembru 2009 (Dipartiment ta’ l-Indafa Pubblika) | €1,180.12 |
| *Contracts Manager fee* – Novembru - Diċembru 2009 (Fortunato Mifsud) | €93.50 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta’ skart fil-miżbla Diċembru 2009 (WasteServ Malta Ltd) | €978.68 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta’ skart fil-miżbla Novembru 2009 (WasteServ Malta Ltd) | €978.68 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta’ skart fil-miżbla Ottubru 2009 (WasteServ Malta Ltd) | €978.68 |
| Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Diċembru 2009 (WasteServ Malta Ltd) | €296.59 |
| Trasport tat-tfal ta’ l-iskola primarja – Diċembru 2009 (Felix Cini) | €67.28 |
| Servizz ta’ *mini bus* għat-tfal ta’ Marsalforn – *party* tal-Milied (Felix Cini) | €20.00 |
| L-i*script* ta’ ‘Għeruqna’ (Kan. Emmanuel Saliba) | €1,050.00 |
| Għal diversi laqgħat mal-kompożitur u d-direttur, konsultazzjoni teknika, *proof reading* tal-ktejjeb u superviżjoni ta’ wħud mir-*rehearsals* (Kan. Emmanuel Saliba) | €810.00 |
| Tqassim tan-*newsletters* tal-Kunsill 10-16/2009 (Parroċċa Santa Marija) | €84.00 |
| Kiri tas-sala taċ-Ċentru Parrokkjali – *party* tal-Milied 2009 (Parroċċa Santa Marija) | €70.00 |
| Spejjeż tal-uffiċċju (Smart Office Supplies Ltd) | €181.96 |
| Minerali (Paschalino Cefai) | €18.00 |
| Stampar tal-programm – Festa San Pawl 2010 (B.C.D. Graphics Ltd) | €185.00 |
| Reġistru (Smart Office Supplies Ltd) | €13.86 |
| *Fuel* – diversi vjaġġi fuq xogħol tal-Kunsill (Carmel Camilleri) | €25.00 |
| Stampar tal-fuljett tal-Kunsill – Jannar 2010 (B.C.D. Graphics Ltd) | €391.33 |
| *Contract Manager fee* – Jannar 2010 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Kurduna u siment għall-bankina ta’ Triq iż-Żebbuġ (JCR Ltd) | €86.07 |

| | |
|---|---|
| Kurduna għall-bankina ta’ Triq iż-Żebbuġ (JCR Ltd) | €127.02 |
| Servizzi ta’ fotografu – Marsalforn wara l-maltemp 14/01/2010 u Festa San Pawl 2010 (Joseph Mercieca) | €750.00 |
| Iddisinjar tal-*poster*, il-*banner* u l-programm – Festa San Pawl 2010 (motif media) | €177.00 |
| 2 *banners* – Festa San Pawl 2010 (motif media) | €448.40 |
| Servizzi ta’ pulizija – Festa San Pawl 2010 (Dipartiment tal-Pulizija) | €38.26 |
| Imirja u tabelli tat-traffiku (Koperattiva Tabelli u Sinjali) | €287.66 |

4 ta’ Frar 2010